MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 142/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Antoine Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Antoine Caruana, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 520877(M) talli nhar-il 14 ta' Novembru 2007, għall-ħabta ta' 06.10hrs, fi Triq il-President Anton Buttigieg,

Zejtun, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Hyundai Stellar, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAM-803, ikkaġuna l-mewt ta' Benedetto Camilleri miz-Zejtun, li dak il-ħin kien qiegħed jaqsam l-istess triq.

F'każ ta' ħtija l-prosekuzzjoni talbet li l-istess Antoine Caruana jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan (art. 15H tal-Kap. 65);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi Antoine Caruana ħati ta' l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset illi stante l-kontribuzzjoni tal-*piedone* f'dan l-inċident, l-appellant m'għandux ibati piena ta' priġunerija effettiva, għalhekk ikkundannatu għal sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erba'(4) snin, u inoltre kkundannatu jħallas multa fl-ammont ta' €2,000. L-ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba li għamlet il-Prosekuzzjoni fl-akkuża, u cioe` l-iskwalifika taħt l-Artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi tali skwalifika hija marbuta ma' ħinijiet taħt l-Artikoli 15A u 15B – reati mhux addebitati. A tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu jħallas l-ispejjeż peritali fl-ammont ta' €1,770.11;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Antoine Caruana ppreżentat fit-22 ta' Marzu 2012 fejn talab li din il-Qorti tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu numru ta' aggravji iżda din il-Qorti sejra tissofferma fuq l-ewwel aggravju fejn l-appellant jgħid hekk:

"**L-ewwel aggravju – Il-ġurnata meta seħħ l-inċident *de quo* ġie indikat ħażin fl-akkuża.**

"Illi skond l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, *meta ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed skont il-ligi ghall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Ezekuttiva ghandha, b'ordni bil-miktub, tharrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati... Ic-citazzjoni ghandha ssemmi **car** il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, **bil-partikularitajiet ta' zmien** u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*

"Fil-kaz odjern, fl-akkuzi dedotti kontra l-esponent jirreferu ghal incident stradali illi sehh fl-14 ta' Novembru 2007. Izda, minn dak li gie prodott quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, **ma hemm l-ebda prova li tindika li sehh xi incident f'din id-data**. Anzi, ghal kuntrarju, il-provi kollha ndubbjament jittrattaw dwar incident stradali illi sehh fl-14 ta' Settembru 2007, **li dwaru m'hemm l-ebda akkuzi kontra l-esponent**. Inoltre, jirrizulta ampjament car mill-atti processwali li qatt ma ntalbet korrezzjoni mill-prosekuzzjoni tal-akkuza kif dedotta. Di fatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet htija tal-esponent ghal incident illi sehh fl-14 ta' Novembru 2007 meta tali incident, bl-akbar dovut rispett, ma jirrizultax.

"**Dan premess, fil-fehma umli tal-esponent, johloq dubbju serju dettat mir-raguni, liema dubbju ghandu jwassal il-liberatorja tal-esponent mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.**

"Kif gie ritenut ben tajjeb minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, f'sentenza moghtija fl-14 ta' April 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Rita Zammit**, *l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni **f'cirkostanza tant materiali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat**, wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija **kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe` serje ta' provi li kollha jindikaw illi l-allegat reat kien gara xahrejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament mill-prosekuzzjoni, fl-akkuza**. Ghalhekk meta ppreparat id-difiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux il-lasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li*

*kienu sa mill-bidu nett tal-kawza.* ***Altrimenti, kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha, dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza w mal-akkuzat b'mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli.***

"L-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fejn irrizulta ampjament provat illi d-data meta sehh l-incident *de quo* hekk kif indikata fl-akkuza hija manifestament erronea, ghandha necessarjament twassal l-esponent li jigi liberat mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu."

**6.** Fil-każ in eżami, kif tajjeb osserva l-appellant, l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu tirreferi għal inċident stradali li seħħ fl-14 ta' Novembru 2007. L-inċident in kwistjoni effettivament seħħ fl-14 ta' Settembru 2007 u dwaru kienet saret inkjesta maġisterjali. L-appellant kien xehed quddiem l-espert tekniku Mario Buttigieg dakinhar stess, cioe` fl-14 ta' Settembru 2007, dwar kif, skond hu, seħħ l-inċident. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni kien l-Ispettur Joseph Agius li fl-ewwel sentenza tax-xiehda tiegħu qal hekk: "Fl-14 ta' Settembru 2007 xis-6.10 a.m. ġejt infurmat mill-għassa taż-Zejtun …." Nonostante cio`, fl-ebda istanza ma ntalbet korrezzjoni fl-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant. Waqt it-trattazzjoni li saret fl-24 ta' Jannar 2012, pero`, ma saret l-ebda referenza għall-iżball li kien hemm fl-akkuża u t-trattazzjoni kienet tirrigwarda unikament il-mod kif seħħ l-inċident. Jiġifieri l-appellant kien jaf preċiżament dwar liema inċident kien qiegħed jiġi akkużat, u l-kwistjoni tad-data ma kinitx tifforma parti mid-difiża. L-iżball fid-data, pero`, baqa' jipperpetwa ruħu fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti li sabet ħtija skond l-akkuża.

**7.** Evidentement l-ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija skond l-akkuża meta din kienet tirreferi għal data differenti. Din il-Qorti ma tistax, f'dan l-istadju, tordna korrezzjoni fid-data. Iżda in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, lanqas ma hija se tordna l-liberatorja tiegħu. Għaldaqstant sejra tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruħha kif jidhrilha meħtieġ.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruħha skond kif jidhrilha meħtieġ.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------